# Imħabba bis-sens

Br. Frederick Scerri © 2008 D-Xtremes

```
Intro:  G  D  Em -  G  D  C -

G              D        Em
Missierna tas-sema tant ħabbna
      D                  G
Meta tana lil Ibnu l-waħdien
       Em        Am             D
Biex isir wieħed minna u jgħix fostna
      G          D          G
U joffrilna mid-dnub il-ħelsien
        G       D          Em
Bagħtu jonqox imħabbtu fi qlubna
       D                     G
Li tibdilna lkoll f’ħolqien ġdid
           Em          Am         D
Biex  Fih nagħrfu kif ngħixu ta’ aħwa
          C                D
Mingħajr firda; ta’ vera ulied.

Rit: G            Em   C               D
     Ħobbu lil xulxin, kif ħabbejtkom jien
     G              Em         C            D
     Wasslu din l-imħabba, fil-qlub tal-bnedmin
     G            Em           C            D
     Kunu xiehda tiegħi, fost ħutkom kullimkien
      G             Em         C     D     G
     Uruhom kif l-imħabba tagħtihom il-ħelsien

Għadda fostna jxandar il-maħfra
U ifarraġ il-qalb tal-muġugħ
Kien id-Dawl illi dawwal id-dinja
Sar il-Ħobż illi jaqta’ kull ġuħ.
Tana Ġismu u Demmu sal-aħħar
Fuq salib, hemm fuq l-għolja merfugħ
Biex imħabbtu naraw issa fejn twassal
Ta’ kull darba li aħna niċħduh.    Rit:

Tana l-qawwa biex ngħixu fid-dinja
Bħall-appostli nhar Għid il-Ħamsin
Mingħajr biża’ inħabbru li Kristu
Hu biss jagħti l-vera ħelsien.
Dik imħabbtu issir imħabbitna
Li tgħaqqadna f’qalb waħda flimkien
Tgħinna nibnu flimkien dinja ġdida
Sabiex ngħixu tassew ferħanin.      Rit:
```

G C D Em Am

